



11.5.2017

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Korp tar-Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjoni Elettronika (COM(2016)0591 – C8-0382/2016 – 2016/0286(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Silvia Costa

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Għan u kamp ta' applikazzjoni

Il-Pakkett tat-Telekomunikazzjoni ġie ppubblikat f'Settembru 2016 u fih sensiela ta' inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi għat-tiġdid tal-qafas regolatorju tat-telekomunikazzjoni. Il-qofol tal-pakkett huwa proposta għal Direttiva li tistabbilixxi Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, li għandha l-għan li timmodernizza r-regoli tat-telekomunikazzjoni, aġġornati l-aħħar fl-2009. Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni qed ifassal ukoll opinjoni separata dwar dik il-proposta (Rapporteur: Curzio Maltese).

Din il-proposta tiffirma parti minn dan il-Pakkett tat-Telekomunikazzjoni u tipprova toħloq qafas regolatorju istituzzjonali aktar konsistenti u effettiv għall-komunikazzjoni elettronika. Dan tagħmlu billi tistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) bħala aġenzija deċentralizzata tal-UE vera u proprja (bħalissa dan huwa struttura ibrida f'korp essenzjalment intergovernattiv li jiġbor flimkien regolaturi nazzjonali biex iwettqu kompiti regolatorji armonizzati tal-UE bl-appoġġ tal-Uffiċċju tal-BEREC, li huwa aġenzija Komunitarja żgħira li tipprovdi appoġġ professjonali u amministrattiv lill-BEREC innifsu).

Għaldaqstant, il-proposta essenzjalment fiha dispożizzjonijiet klassiċi għall-aġenziji konformi mal-"Approċċ Komuni dwar l-aġenziji deċentralizzati tal-UE" 2012 miftiehem b'mod konġunt bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Barra minn hekk tiġbor flimkien f'post wieħed (l-Artikolu 2) il-lista sħiħa tal-kompiti fdati f'idejn il-BEREC f'atti leġiżlattivi differenti, inklużi b'mod partikolari dawk assenjati lilu fil-qafas tal-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjoni Elettronika l-ġdid. Filwaqt li xi kompiti huma ta' interess għall-Kumitat CULT (eż. ir-rwol tal-BEREC fil-ħruġ ta' opinjonijiet dwar abbozzi ta' miżuri nazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-evalwazzjoni bejn il-pari tal-ispettru tar-radju), is-sustanza tal-kompiti hija rregolata fil-proposta tal-Kodiċi.

Il-BEREC: status quo jew aġenzija tal-UE sħiħa u attrezzata għalkollox?

Ir-Rapporteur konxja ħafna li l-proposta biex titwarrab l-istruttura eżistenti tal-BEREC u tinħoloq aġenzija tal-UE sħiħa u attrezzata għalkollox hi waħda kontroversjali, u dan wara li qrat għadd ta' preżentazzjonijiet tal-parlamenti nazzjonali dwar is-suġġett, biex ma nsemmux l-opinjoni tal-BEREC stess dwar il-proposta, u wara li wettqet konsultazzjonijiet dwar il-kwistjoni. Madankollu, ir-Rapporteur hi tal-fehma li din il-kwistjoni tant hija fundamentali li trid tiġi trattata fil-kumitat kompetenti, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE), li jidher b'mod ċar li jinsab fl-aħjar pożizzjoni biex jifhem u jieħu pożizzjoni dwar l-istruttura istituzzjonali l-aktar adattata għall-ambjent regolatorju għall-komunikazzjoni elettronika. Bħala tali, l-emendi mressqa mir-Rapporteur huma mingħajr preġudizzju għal din il-kwistjoni fundamentali.

Madankollu, jidher b'mod ċar li l-ħidma tal-BEREC għandha impatt fuq oqsma ta' politika li huma ta' interess għall-Kumitat CULT, speċjalment f'dinja fejn regolaturi konverġenti li jkopru kemm it-telekomunikazzjoni kif ukoll ix-xandir saru n-norma u fejn il-provvista ta' kontenut over-the-top (OTT) qed tikseb prominenza. Ir-Rapporteur, għalhekk, għandha l-għan li tiżgura l-indipendenza tal-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali u tal-membri tagħhom billi tiżgura li l-proposta dwar il-BEREC tkun allinjata għalkollox mad-dispożizzjonijiet tal-

Artikolu 7 tal-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

Il-pożizzjoni tar-Rapporteur

Ir-Rapporteur ressqet għadd limitat ta' emendi mmirati għall-proposta tal-Kummissjoni. Uħud mill-emendi huma mfassla sabiex jiċċaraw ċerti dispożizzjonijiet jew itejbu l-leġġibilità tagħhom. Il-maġġoranza għandhom l-għan li jenfasizzaw li l-BEREC għandu jwettaq il-kompiti u l-ħidma tiegħu b'kunsiderazzjoni tal-għanijiet ġenerali tal-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika u tal-pluraliżmu tal-midja, kif stipulat fl-Artikolu 3 tal-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

Hemm ukoll emendi speċifiċi biex jiġi żgurat li l-gruppi ta' ħidma tal-BEREC jirrappreżentaw firxa kemm jista' jkun wiesgħa ta' interessi ta' politika u joperaw b'mod konformi mal-għanijiet ġenerali msemmija hawn fuq u li l-BEREC jinvolvi ruħu b'mod attiv ma' firxa kemm jista' jkun wiesgħa ta' partijiet konċernati fil-ħidma tiegħu.

Fl-aħħar nett, ir-Rapporteur tenfasizza l-loġika għalfejn ikun konvenjenti li l-BEREC jikkoopera ma' korpi, aġenziji, uffiċċji u gruppi ta' ħidma oħra tal-Unjoni, jiġifieri sabiex jiżgura l-effettività u l-koerenza tal-politiki. Tenfasizza wkoll li jenħtieġ li tali kooperazzjoni tiġi permessa – b'mod partikolari ma' entitajiet bħalma huma l-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva u l-Grupp Ewropew għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju – bħala parti mill-ħidma tal-BEREC sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-effettività ġenerali tal-politiki.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Il-BEREC u l-Uffiċċju tal-BEREC taw kontribut pożittiv għal implimentazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju tal-komunikazzjoni elettronika. **Madankollu** għad hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fejn tidħol il-prassi regolatorja. Barra minn hekk, l-istruttura ta' governanza tal-BEREC u tal-Uffiċċju tal-BEREC mhix effiċjenti u

Emenda

(7) Il-BEREC u l-Uffiċċju tal-BEREC taw kontribut pożittiv għal implimentazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju tal-komunikazzjoni elettronika. **Minkejja dan**, għad hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fejn tidħol il-prassi regolatorja. Barra minn hekk, l-istruttura ta' governanza tal-BEREC u tal-Uffiċċju tal-BEREC mhix effiċjenti u

toħloq **piż amministrattiv** bla bżonn. Biex ikunu żgurati l-kisbiet fl-effiċjenza u s-sinerġiji u biex jingħata kontribut addizzjonali għall-iżvilupp tas-suq intern tal-komunikazzjoni elettronika fl-Unjoni kollha kif ukoll għall-promozzjoni tal-aċċess għal konnettività tad-dejta b'kapaċità kbira ħafna u tal-adozzjoni tagħha, għall-promozzjoni tal-kompetizzjoni fil-forniment tan-netwerks, tas-servizzi u tal-faċilitajiet assoċjati tal-komunikazzjoni elettronika u għall-promozzjoni tal-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni, dan ir-Regolament għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rwol tal-BEREC u li jtejjeb l-istruttura ta' governanza tiegħu billi jistabbilixxi l-BEREC bħala aġenzija deċentralizzata tal-Unjoni. Dan jaqbel ukoll mal-ħtieġa li jiġi rifless ir-rwol imsaħħaħ ferm tal-BEREC skont ir-Regolament (KE) Nru 531/2012 li jistabbilixxi l-kompiti tal-BEREC rigward ir-roaming fl-Unjoni kollha, skont ir-Regolament (UE) 2015/2120 li jistabbilixxi l-kompiti tal-BEREC rigward l-aċċess għall-internet miftuħ u r-roaming fl-Unjoni kollha, u skont id-Direttiva li tistabbilixxi għadd sinifikanti ta' kompiti ġodda għall-BEREC fosthom li joħroġ deċiżjonijiet u linji gwida **dwar diversi suġġetti**, li jibgħat rapporti dwar kwistjonijiet tekniċi, li jżomm reġistri u li jagħti opinjonijiet dwar il-proċeduri tas-suq intern għall-abbozzi tal-miżuri nazzjonali dwar ir-regolamentazzjoni tas-swieq kif ukoll dwar l-assenjamenti tad-drittijiet tal-użu tal-ispettru tar-radju.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

toħloq **piżijiet amministrattivi** bla bżonn. Biex ikunu żgurati l-kisbiet fl-effiċjenza u s-sinerġiji u biex jingħata kontribut addizzjonali għall-iżvilupp tas-suq intern tal-komunikazzjoni elettronika fl-Unjoni kollha kif ukoll għall-promozzjoni tal-aċċess għal konnettività tad-dejta b'kapaċità kbira ħafna u tal-adozzjoni tagħha, għall-promozzjoni tal-kompetizzjoni fil-forniment tan-netwerks, tas-servizzi u tal-faċilitajiet assoċjati tal-komunikazzjoni elettronika u għall-promozzjoni tal-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni, dan ir-Regolament għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rwol tal-BEREC u li jtejjeb l-istruttura ta' governanza tiegħu billi jistabbilixxi l-BEREC bħala aġenzija deċentralizzata tal-Unjoni. Dan jaqbel ukoll mal-ħtieġa li jiġi rifless ir-rwol imsaħħaħ ferm tal-BEREC skont ir-Regolament (KE) Nru 531/2012 li jistabbilixxi l-kompiti tal-BEREC rigward ir-roaming fl-Unjoni kollha, skont ir-Regolament (UE) 2015/2120 li jistabbilixxi l-kompiti tal-BEREC rigward l-aċċess għall-internet miftuħ u r-roaming fl-Unjoni kollha, u skont id-Direttiva li tistabbilixxi għadd sinifikanti ta' kompiti ġodda għall-BEREC fosthom li joħroġ deċiżjonijiet u linji gwida **f'bosta oqsma**, li jibgħat rapporti dwar kwistjonijiet tekniċi, li jżomm reġistri u li jagħti opinjonijiet dwar il-proċeduri tas-suq intern għall-abbozzi tal-miżuri nazzjonali dwar ir-regolamentazzjoni tas-swieq kif ukoll dwar l-assenjamenti tad-drittijiet tal-użu tal-ispettru tar-radju.

Emenda

(7a) L-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjoni elettronika, flimkien mal-avvanzi fis-

softwer u fit-teknoloġija tal-komunikazzjoni, wasslu għal passi kbar 'il quddiem fil-mod ta' kif il-kultura u l-kontenut kulturali qed jitqassmu u jiġu aċċessati miċ-ċittadini Ewropej. Madankollu, il-kopertura mhux uniformi tal-infrastruttura u l-effetti ta' lock-in ġabu magħhom ukoll distakki diġitali profondi. Bl-għan li jitnaqqsu dawk id-distakki u jiġi evitat il-ħolqien ta' oħrajn ġodda, b'mod partikolari b'rabta mad-diversità kulturali u mal-multilingwiżmu, il-BEREC, permezz ta' għodod xierqa għad-dimensjoni tal-kwistjonijiet, huwa waħda mill-istituzzjonijiet li għandhom jikkunsidraw l-impatt soċjali u kulturali usa' meta joħorġu linji gwida, opinjonijiet u tipi oħra ta' testi.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Il-BEREC jenħtieġ li jwettaq il-kompiti assenjati lili bil-kunsiderazzjoni dovuta tal-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kemm għall-għanijiet ġenerali tal-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika u tal-pluraliżmu tal-midja kif stipulat fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva, kif ukoll għall-għanijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali tal-2005.

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi enfasizzat li jenħtieġ li l-għanijiet ġenerali tal-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika u tal-pluraliżmu tal-midja jiġi għidaw il-ħidma tal-BEREC peress li d-deċiżjonijiet meħuda dwar il-komunikazzjonijiet elettronika (eż. dwar l-allokazzjoni tal-ispettru) jista' jkollhom impatt proprju fuq dawn l-oqsma. L-emenda tfakkar, b'rabta ma' dan, fil-Konvenzjoni tal-UNESCO.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) *Mingħajr preġudizzju għar-rwol tagħhom, jekk ikun meħtieġ*, il-BEREC *għandu* jitħalla jikkopera ma' korpi, aġenziji, uffiċċji u gruppi konsultattivi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-Grupp għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju²⁹, mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta³⁰, mal-Grupp tar-Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Midja Awdjoviziva³¹ u mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni³²; kif ukoll ma' kumitati eżistenti (bħall-Kumitat tal-Komunikazzjoni u l-Kumitat tal-Ispettru tar-Radju). Dan *għandu* jitħalla jikkopera mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi, b'mod partikolari mal-awtoritajiet regolatorji kompetenti fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika u/jew ma' gruppi ta' dawn l-awtoritajiet, kif ukoll mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, meta dan ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tiegħu.

²⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/622/KE li tistabbilixxi Grupp għal Politika dwar l-Ispettru tar-Radju (ĠU L 198, 27.7.2002, p. 49).

³⁰ Stabbilit bir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Emenda

(11) *Sabiex jiżgura l-koerenza u l-konsistenza tal-politiki u sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv u bil-kunsiderazzjoni xierqa tal-għanijiet usa' ta' politika tal-Unjoni*, il-BEREC *jenħtieġ li* jitħalla jikkopera, *mingħajr preġudizzju għar-rwol tagħhom*, ma' korpi, aġenziji, uffiċċji u gruppi konsultattivi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-Grupp għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju²⁹, mal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta³⁰, mal-Grupp tar-Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Midja Awdjoviziva³¹ u mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni³²; kif ukoll ma' kumitati eżistenti (bħall-Kumitat tal-Komunikazzjoni u l-Kumitat tal-Ispettru tar-Radju). Dan *jenħtieġ li* jitħalla jikkopera mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi, b'mod partikolari mal-awtoritajiet regolatorji kompetenti fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika u/jew ma' gruppi ta' dawn l-awtoritajiet, kif ukoll mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, meta dan ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tiegħu.

²⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/622/KE li tistabbilixxi Grupp għal Politika dwar l-Ispettru tar-Radju (ĠU L 198, 27.7.2002, p. 49).

³⁰ Stabbilit bir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

³¹ Id-Direttiva [...].

³² Ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 460/2004 (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 41).

³¹ Id-Direttiva [...].

³² Ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 460/2004 (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 41).

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi enfasizzata l-loġika favur il-kooperazzjoni ma' korpi rilevanti oħra, fosthom l-ERGA u l-RSPG.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Meta mqabbla mas-sitwazzjoni fil-passat, meta kellek Bord tar-Regolaturi u Kumitat Maniġerjali li kienu jmexxu b'mod parallel, il-fatt li jkun hemm bord uniku li jagħti orjentazzjonijiet ġenerali għall-attivitajiet tal-BEREC u li jiddeċiedi fuq kwistjonijiet regolatorji u operattivi u fuq kwistjonijiet ta' ġestjoni amministrattiva u baġitarja **għandu** jgħin biex jitjiebu l-effiċjenza, il-koerenza u l-prestazzjoni tal-aġenzija. Għal dan il-għan, il-Bord Maniġerjali għandu jwettaq il-funzjonijiet rilevanti, u minbarra **ż-żewġ rappreżentanti** tal-Kummissjoni, dan għandu jkun jikkonsisti mill-Kap jew minn membru ieħor tal-korp kolleġġjali ta' kull **NRA**, li **huma** protetti **bir-rekwiżiti ta' ċaħda**.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 16

Emenda

(12) Meta mqabbla mas-sitwazzjoni fil-passat, meta kellek Bord tar-Regolaturi u Kumitat Maniġerjali li kienu jmexxu b'mod parallel, il-fatt li jkun hemm bord uniku li jagħti orjentazzjonijiet ġenerali għall-attivitajiet tal-BEREC u li jiddeċiedi fuq kwistjonijiet regolatorji u operattivi u fuq kwistjonijiet ta' ġestjoni amministrattiva u baġitarja **jenħtieġ li** jgħin biex jitjiebu l-effiċjenza, il-koerenza u l-prestazzjoni tal-aġenzija. Għal dan il-għan, il-Bord Maniġerjali għandu jwettaq il-funzjonijiet rilevanti, u minbarra **r-rappreżentant** tal-Kummissjoni, dan għandu jkun jikkonsisti mill-Kap jew **inkella** minn membru ieħor tal-korp kolleġġjali ta' kull **ARN**, li **jkunu** protetti **b'dispożizzjonijiet b'rabta mat-tkeċċija**.

(16) Id-Direttur Eżekuttiv, li se jkun ir-rappreżentant legali tal-BEREC, jaqdi rwol kruċjali għall-funzjonament adegwat tal-aġenzija l-ġdida u għall-implimentazzjoni tal-kompiti assenjati lilha. Il-Bord Maniġerjali **għandu** jaħtru minn lista mfassla mill-Kummissjoni wara proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti sabiex **tkun żgurata** evalwazzjoni **bir-reqqa** tal-kandidati u livell għoli ta' indipendenza. Barra minn hekk, fl-imgħoddi, il-mandat tad-Direttur Amministrattiv tal-Uffiċċju tal-BEREC kien ta' tliet snin. Jeħtieġ li d-Direttur Eżekuttiv ikollu mandat twil biżżejjed biex ikunu żgurati l-istabbiltà u t-twassil ta' strateġija fit-tul għall-aġenzija.

(16) Id-Direttur Eżekuttiv, li se jkun ir-rappreżentant legali tal-BEREC, jaqdi rwol kruċjali għall-funzjonament adegwat tal-aġenzija l-ġdida u għall-implimentazzjoni tal-kompiti assenjati lilha. Il-Bord Maniġerjali **jenħtieġ li** jaħtru minn lista mfassla mill-Kummissjoni wara proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti sabiex **ikunu żgurati** evalwazzjoni **rigoruża** tal-kandidati u livell għoli ta' indipendenza. **Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord Maniġerjali jenħtieġ li jkun mistieden jidher quddiem il-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew, sabiex ikunu jistgħu jagħtu l-approvazzjoni tagħhom.** Barra minn hekk, fl-imgħoddi, il-mandat tad-Direttur Amministrattiv tal-Uffiċċju tal-BEREC kien ta' tliet snin. Jeħtieġ li d-Direttur Eżekuttiv ikollu mandat twil biżżejjed biex ikunu żgurati l-istabbiltà u t-twassil ta' strateġija fit-tul għall-aġenzija.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 17

(17) Mill-esperjenza jidher li ħafna mill-kompiti tal-BEREC jitwettqu aħjar bi gruppi ta' ħidma, u għalhekk il-Bord Maniġerjali **għandu** jkun responsabbli biex iwaqqaf gruppi ta' ħidma u biex jaħtar il-membri tagħhom. Biex ikun żgurat approċċ bilanċjat, il-gruppi ta' ħidma **għandhom** jiġu kkoordinati u mmexxija minn membri tal-persunal tal-BEREC. Il-listi ta' esperti kwalifikati **għandhom** jitħejjew minn qabel biex ikun żgurat li ċerti gruppi ta' ħidma jitwaqqfu malajr, b'mod partikolari dawk relatati mal-proċeduri tas-suq intern għall-abbozzi tal-miżuri nazzjonali dwar ir-

(17) Mill-esperjenza jidher li ħafna mill-kompiti tal-BEREC jitwettqu aħjar bi gruppi ta' ħidma, u għalhekk il-Bord Maniġerjali **jenħtieġ li** jkun responsabbli biex iwaqqaf gruppi ta' ħidma u biex jaħtar il-membri tagħhom. **Il-kompożizzjoni tal-gruppi ta' ħidma jenħtieġ li tirrifletti kif xieraq l-interessi ta' politika differenti involuti, u tqis kif dovut l-għanijiet ġenerali tal-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika u tal-pluraliżmu tal-midja kif stipulat fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva.** Biex ikun żgurat approċċ bilanċjat, il-gruppi ta' ħidma **jenħtieġ li**

regolamentazzjoni tas-swieq u dwar l-assenjamenti tad-drittijiet tal-użu tal-ispettru tar-radju, minħabba l-limiti taż-żmien ta' dawk il-proċeduri.

jiġu kkoordinati u mmexxija minn membri tal-persunal tal-BEREC. Il-listi ta' esperti kwalifikati **jenħtieġ li** jitħejjew minn qabel biex ikun żgurat li ċerti gruppi ta' ħidma jitwaqqfu malajr, b'mod partikolari dawk relatati mal-proċeduri tas-suq intern għall-abbozzi tal-miżuri nazzjonali dwar ir-regolamentazzjoni tas-swieq u dwar l-assenjamenti tad-drittijiet tal-użu tal-ispettru tar-radju, minħabba l-limiti taż-żmien ta' dawk il-proċeduri.

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi enfasizzat li l-gruppi ta' ħidma mwaqqfa mill-BEREC jenħtieġ li jqisu l-firxa sħiħa ta' interessi ta' politika filwaqt li jaġixxu wkoll skont l-għanijiet ġenerali tal-promozzjoni tad-diversità kulturali/lingwistika u tal-pluraliżmu tal-midja

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17a) Sabiex jiġi żgurat li l-BEREC iqis b'mod sħiħ l-ispettru kollu ta' interessi ta' politika u jifhem l-impatt possibbli tal-miżuri tiegħu, l-Aġenzija jenħtieġ li tinvolvi ruħha b'mod attiv mal-partijiet konċernati permezz ta' għodod bħalma huma l-fora għal konsultazzjonijiet regolari mal-partijiet konċernati. Il-gruppi ta' ħidma tal-BEREC jenħtieġ li jimpennjaw ruħhom ukoll b'mod attiv ma' partijiet konċernati minn barra l-komunità regolatorja u jkopru firxa kemm jista' jkun wiesgħa ta' interessi.

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi ċċarat li l-BEREC u l-gruppi ta' ħidma tiegħu jenħtieġ li jiżviluppaw għodod biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv mal-partijiet konċernati li jirrappreżentaw firxa wiesgħa ta' interessi.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Biex iwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv, il-BEREC **għandu** jkollu d-dritt jitlob l-informazzjoni kollha meħtieġa mingħand il-Kummissjoni, mingħand **L-NRAs** u, bħala l-aħħar rimedju, mingħand awtoritajiet u impriżi oħrajn. It-talbiet għall-informazzjoni **għandhom ikunu** proporzjonati u **ma għandhomx jimponu xi** piż żejjed fuq id-destinatarji. **L-NRAs**, li huma l-eqreb tas-swieq tal-komunikazzjoni elettronika, **għandhom** jikkoperaw mal-BEREC u **jgħaddulu** informazzjoni preċiża u fil-ħin biex jiżguraw li dan ikun jista' jwettaq il-mandat tiegħu. Barra minn hekk, il-BEREC **għandu** jaqsam l-informazzjoni meħtieġa mal-Kummissjoni u **mal-NRAs** bil-prinċipju tal-koperazzjoni leali.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-BEREC għandu jaġixxi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva [...], tad-Direttiva 2002/58/KE, tar-Regolament (KE) Nru 531/2012, tar-Regolament (UE) 2015/2120 u tad-Deċiżjoni 243/2012/UE³⁶ (il-Programm tal-Politika tal-Ispettru tar-Radju).

³⁶ Id-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi

Emenda

(25) Biex iwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv, il-BEREC **jenħtieġ li** jkollu d-dritt jitlob l-informazzjoni kollha meħtieġa mingħand il-Kummissjoni, mingħand **L-ARN** u, bħala l-aħħar rimedju, mingħand awtoritajiet u impriżi oħrajn. It-talbiet għall-informazzjoni **jenħtieġ li jkunu** proporzjonati u **li ma jimponux** piż żejjed fuq id-destinatarji. **L-ARN**, li huma l-eqreb tas-swieq tal-komunikazzjoni elettronika, **jenħtieġ li** jikkoperaw mal-BEREC u **jipprovdu** informazzjoni preċiża u fil-ħin biex jiżguraw li dan ikun jista' jwettaq il-mandat tiegħu. Barra minn hekk, il-BEREC **jenħtieġ li** jaqsam l-informazzjoni meħtieġa mal-Kummissjoni u **mal-ARN** bil-prinċipju tal-koperazzjoni leali.

Emenda

Il-BEREC għandu jaġixxi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva [...], tad-Direttiva 2002/58/KE, tar-Regolament (KE) Nru 531/2012, tar-Regolament (UE) 2015/2120 u tad-Deċiżjoni 243/2012/UE³⁶ (il-Programm tal-Politika tal-Ispettru tar-Radju) **u ta' kwalunkwe att ieħor tal-Unjoni li jistabbilixxi kompiti u setgħat ġodda fir-rigward tiegħu..**

³⁶ Id-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi

programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju (ĠU L 81, 21.3.2012, p. 7).

programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju (ĠU L 81, 21.3.2012, p. 7).

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-BEREC għandu jsegwi l-istess għanijiet bħal dawk tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ("***l-NRAs***") imsemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva. B'mod partikolari, il-BEREC għandu jiżgura ***implimentazzjoni*** konsistenti tal-qafas regolatorju tal-komunikazzjoni elettronika fil-kamp ta' applikazzjoni msemmi fil-paragrafu 2 u b'hekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-suq intern. Barra minn hekk, dan għandu jippromwovi ***l-aċċess*** għal konnettività tad-dejta b'kapaċità kbira ħafna, u l-adozzjoni tagħha; il-kompetizzjoni fil-forniment tan-netwerks, tas-servizzi u tal-faċilitajiet assoċjati tal-komunikazzjoni elettronika; u l-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni.

Emenda

3. Il-BEREC għandu jsegwi l-istess għanijiet bħal dawk tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ("***l-ARN***") imsemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva. B'mod partikolari, il-BEREC għandu ***jikkoopera wkoll mal-ARN biex*** jiżgura ***approċċ regolatorju*** konsistenti ***fir-rigward tal-implimentazzjoni*** tal-qafas regolatorju tal-komunikazzjoni elettronika fil-kamp ta' applikazzjoni msemmi fil-paragrafu 2 u ***fir-rigward tal-għanijiet stipulati fil-paragrafu 1***, u b'hekk jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-suq intern ***armonizzat***. Barra minn hekk, dan għandu jippromwovi ***trattament nondiskriminatorju tat-traffiku fil-forniment ta' servizzi ta' aċċess għall-internet: aċċess miftuħ għall-internet; aċċess*** għal konnettività tad-dejta b'kapaċità kbira ħafna, u l-adozzjoni tagħha; il-kompetizzjoni fil-forniment tan-netwerks, tas-servizzi u tal-faċilitajiet assoċjati tal-komunikazzjoni elettronika; u l-interessi taċ-ċittadini tal-Unjoni.

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-BEREC għandu jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod indipendenti, imparzjali u trasparenti, u għandu jibbaża ruħu fuq l-għarfien espert disponibbli fl-ARN. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-ARN tiegħu jkollhom riżorsi finanzjarji

u umani adegwati biex jipparteċipaw fil-ħidma tal-BEREC.

Emenda 13

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) jagħti pariri lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, fuq talba jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess, dwar l-eżitu tal-analiżi teknika tiegħu tal-impatt regolatorju ta' kwalunkwe kwistjoni li tirrigwarda d-dinamika tal-iżvilupp tas-suq fuq il-qafas tal-komunikazzjoni elettronika;

Emenda 14

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) jassisti, fuq talba, lill-ARN, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, fir-rigward tar-relazzjoni, id-diskussjonijiet u l-iskambji tagħhom ma' partijiet terzi, u jassisti lill-ARN u lill-Kummissjoni fit-tixrid tal-aħjar Prattiki regolatorji ma' partijiet terzi;

Ġustifikazzjoni

Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 2(e) tar-Regolament (KE) Nru 1211/2009.

Emenda 15

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ac (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ac) jippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-ARN, u bejn l-ARN u l-Kummissjoni;

Ġustifikazzjoni

Ara l-formulazzjoni tat-tieni sentenza tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament (KE) Nru 1211/2009.

Emenda 16

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ad (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ad) joħroġ rakkomandazzjonijiet u jxerred l-aħjar Prattiki regolatorji indirizzati lill-ARN sabiex iħeġġeġ l-implimentazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjoni elettronika;

Emenda 17

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ae (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ae) jirrapporta dwar is-settur Ewropew tal-komunikazzjoni elettronika permezz tal-pubblikazzjoni ta' rapport annwali dwar l-iżviluppi f'dak is-settur Ewropew;

Emenda 18

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt af (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(af) jassisti lill-Kummissjoni, fejn rilevanti, bħala korp espert tekniku konsultattiv fir-rigward tat-tħejjija u l-adozzjoni tal-atti legali fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika;

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ag (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ag) iwettaq il-kompiti mogħtija lilu permezz ta' atti legali tal-Unjoni b'mod partikolari bid-Direttiva [...]('Il-Kodiċi għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi'), bir-Regolament (KE) Nru 531/2012 u bir-Regolament (UE) Nru 2015/2120.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) jiżviluppa mudell ekonomiku biex jgħin lill-Kummissjoni tiddetermina r-rati massimi ta' terminazzjoni fl-Unjoni b'konformità mal-Artikolu 73 tad-Direttiva;

(c) jiżviluppa, ***b'kooperazzjoni mill-qrib ħafna ma' ARN oħra***, mudell ekonomiku biex jgħin lill-Kummissjoni tiddetermina r-rati massimi ta' terminazzjoni fl-Unjoni b'konformità mal-Artikolu 73 tad-Direttiva;

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) jagħti opinjonijiet kif imsemmi fid-Direttiva u fir-Regolament (UE) Nru 531/2012, b'mod partikolari:

imħassar

– ***fuq ir-riżoluzzjoni tat-tilwim transfruntier b'konformità mal-Artikolu 27 tad-Direttiva;***

– ***fuq l-abbozzi tal-miżuri nazzjonali relatati mal-proċeduri tas-suq intern għar-regolamentazzjoni tas-swieq b'konformità mal-Artikoli 32, 33 u 66 tad-Direttiva;***

– ***fuq l-abbozzi tal-miżuri nazzjonali relatati mal-proċeduri tas-suq intern***

għall-evalwazzjoni bejn il-pari tal-ispettru tar-radju b'konformità mal-Artikolu 35 tad-Direttiva;

– *fuq l-abbozzi tad-deċiżjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-armonizzazzjoni b'konformità mal-Artikolu 38 tad-Direttiva;*

Emenda 22

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e – inċiż 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– *fuq l-implimentazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjoni elettronika;*

Emenda 23

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e – inċiż 7a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– *fuq it-trattament nondiskriminatorju tat-traffiku fil-forniment tas-servizzi tal-aċċess għall-internet skont ir-Regolament (UE) Nru 2015/2120;*

Emenda 24

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– *fuq il-prattiki tas-suq li jafu jwasslu għal effett detrimentali fuq l-aċċess nondiskriminatorju għall-internet, l-internet miftuħ, id-drittijiet tal-konsumaturi u l-prattiki abbużivi;*

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-BEREC jista', fuq talba motivata mill-Kummissjoni, jassumi kompiti speċifiċi oħra meħtieġa għall-qadi tar-rwol tiegħu skont l-Artikolu 1(2).

Ġustifikazzjoni

Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1211/2009.)

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Sa kemm ikun meħtieġ biex jilħaq l-għanijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u biex iwettaq il-kompiti **tiegħu**, il-BEREC jista' jikkopera mal-korpi, mal-aġenziji, mal-uffiċċji u mal-gruppi konsultattivi kompetenti tal-Unjoni, mal-awtoritajiet kompetenti **ta'** pajjiżi terzi u/jew mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, b'konformità mal-Artikolu 26.

4. Sa kemm ikun meħtieġ biex jilħaq l-għanijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u biex iwettaq il-kompiti **tiegħu u jikkontribwixxi għall-għanijiet usa' ta' politika tal-Unjoni**, il-BEREC jista' **jikkonsulta mal-ARN u** jikkopera mal-korpi, mal-aġenziji, mal-uffiċċji u mal-gruppi konsultattivi kompetenti tal-Unjoni, mal-awtoritajiet kompetenti **tal-Istati Membri, ma'** pajjiżi terzi u/jew mal-organizzazzjonijiet **nazzjonali u** internazzjonali, b'konformità mal-Artikolu 26.

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Bord Maniġerjali għandu jkun magħmul

Il-Bord Maniġerjali għandu jkun magħmul

minn *rappreżentant* wieħed minn kull Stat Membru u *minn żewġ rappreżentanti* mill-Kummissjoni, ilkoll bid-dritt tal-vot. Kull *NRA* għandha tkun responsabbli biex *taħtar ir-rappreżentant* rispettiv tagħha *minn fost* il-Kap jew *il-membri tal-korp kolleġġjali tagħha*.

minn *membri* wieħed minn kull Stat Membru u *rappreżentant wieħed* mill-Kummissjoni, ilkoll bid-dritt tal-vot. Kull *ARN* għandha tkun responsabbli biex *tinnomina r-rappreżentant* rispettiv tagħha, *li jista' jkun* il-Kap jew *rappreżentant ta' livell għoli ieħor tal-ARN. L-awtoritajiet regolatorji ta' pajjiżi terzi mistiedna mill-Bord Maniġerjali għandu jkollhom status ta' osservatur.*

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. *Il-President jew il-Viċi President għandu jirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar il-qadi ta' dmirijiethom u l-prestazzjoni tal-BEREC, fuq talba.*

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-President *ma għandux jieħu sehem fil-votazzjoni.*

3. Il-President *għandu jkun intitolat jivvota.*

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi ċċarat li l-President mhux obligat, iżda huwa intitolat, jivvota.

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Id-Direttur Eżekuttiv ma għandux *jieħu sehem fil-votazzjoni.*

4. Id-Direttur Eżekuttiv ma għandux *ikun intitolat jivvota.*

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi ċċarat li d-Direttur Eżekuttiv mhux intitolat jivvota, iżda jista' jkollu, pereżempju, rwol organizzazzjonali fil-votazzjoni.

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 10 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-funzjonament tal-gruppi ta' ħidma

Il-funzjonament tal-gruppi ta' ħidma ***u l-involviment tal-partijiet konċernati***

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Bord Maniġerjali għandu jaħtar lill-membri tal-gruppi ta' ħidma, li jitsgħu ***jinkludu*** esperti ***mill-NRAs***, mill-Kummissjoni, mill-persunal tal-BEREC u ***mill-NRAs*** tal-pajjiżi terzi li jkunu qed jieħdu sehem fil-ħidma tal-BEREC.

Il-Bord Maniġerjali għandu jaħtar lill-membri tal-gruppi ta' ħidma, li jitsgħu ***jkunu magħmula minn*** esperti ***mill-ARN***, mill-Kummissjoni, mill-persunal tal-BEREC u ***mill-ARN*** tal-pajjiżi terzi li jkunu qed jieħdu sehem fil-ħidma tal-BEREC. ***Il-kompożizzjoni tal-gruppi ta' ħidma jenħtieġ li tirrifletti kif xieraq l-interessi ta' politika differenti involuti, u tqis kif dovut l-għanijiet ġenerali tal-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika u tal-pluraliżmu tal-midja kif stipulat fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva.***

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi enfasizzat li l-gruppi ta' ħidma mwaqqfa mill-BEREC jenħtieġ li jqisu l-firxa sħiħa ta' interessi ta' politika filwaqt li jaġixxu wkoll skont l-għanijiet ġenerali tal-promozzjoni tad-diversità kulturali/lingwistika u tal-pluraliżmu tal-midja

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

5a. Il-BEREC għandu, fejn meħtieġ u inkluż fil-ħidma tal-gruppi ta' ħidma tiegħu, jitlob l-opinjoni tal-partijiet konċernati rilevanti, u jinvolvihom fil-ħidma tiegħu, pereżempju permezz ta' konsultazzjonijiet jew fora tal-partijiet konċernati. Meta jagħmel dan, għandu jiżgura li l-partijiet konċernati jirrappreżentaw b'mod sħiħ l-interessi ta' politika differenti kollha involuti. Il-BEREC għandu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 28, jagħmel ir-riżultati ta' dawn il-konsultazzjonijiet disponibbli għall-pubbliku.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Kull parti fil-proċedimenti tal-appell tista' toġġezzjona għal xi membru tal-Bord tal-Appell minħabba xi raġuni msemmija fil-paragrafu 1, jew jekk ikun hemm suspett li l-membri ma jkunx imparzjali. Kull oġġezzjoni bħal din ma għandhiex tkun ammissibbli jekk, filwaqt li tkun konxja mir-raġuni għall-oġġezzjoni, il-parti fil-proċedimenti tal-appell tkun **għamlet** pass proċedurali. **L-ebda oġġezzjoni ma tista'** tkun **ibbażata** fuq in-nazzjonalità tal-membri.

3. Kull parti fil-proċedimenti tal-appell tista' toġġezzjona għal xi membru tal-Bord tal-Appell minħabba xi raġuni msemmija fil-paragrafu 1, jew jekk ikun hemm suspett li l-membri ma jkunx imparzjali. Kull oġġezzjoni bħal din ma għandhiex tkun ammissibbli jekk, filwaqt li tkun konxja mir-raġuni għall-oġġezzjoni, il-parti fil-proċedimenti tal-appell tkun **xorta waħda ħadet** pass proċedurali, **bħat-tressiq ta' applikazzjoni jew il-preżentazzjoni ta' osservazzjonijiet u għalhekk** tkun **qablet b'mod taċitu mal-kompożizzjoni tal-Bord. Kwalunkwe oġġezzjoni bbażata** fuq in-nazzjonalità tal-membri **għandha titqies inammissibbli.**

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi speċifikat b'mod aktar ċar l-iskop tad-dispożizzjoni, bi qbil mas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-Kawża T-63/10.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord Maniġerjali ***jista' jintalab jagħmel dikjarazzjoni*** quddiem ***il-kumitat*** kompetenti tal-Parlament Ewropew ***u jwieġeb il-mistoqsijiet tal-membri tiegħu.***

Emenda

Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord Maniġerjali ***għandu jkun mistieden jidher*** quddiem ***il-Kumitati*** kompetenti tal-Parlament Ewropew, ***sabiex ikunu jistgħu jagħtu l-approvazzjoni tagħhom.***

Emenda 36

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Jekk ikun beħsiebu jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv, il-Bord Maniġerjali għandu jinforma lill-Parlament Ewropew b'dan. Fi żmien xahar qabel kull estensjoni bħal din, id-Direttur Eżekuttiv ***jista' jintalab jagħmel dikjarazzjoni*** quddiem ***il-kumitat*** kompetenti tal-Parlament ***Ewropew*** u jwieġeb il-mistoqsijiet ***tal-membri tiegħu.***

Emenda

5. Jekk ikun beħsiebu jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv, il-Bord Maniġerjali għandu jinforma lill-Parlament Ewropew b'dan. Fi żmien xahar qabel kull estensjoni bħal din, id-Direttur Eżekuttiv ***għandu jintalab jagħmel dikjarazzjoni*** quddiem ***il-kumitati*** kompetenti tal-Parlament u jwieġeb il-mistoqsijiet ***imressqa mill-membri tagħhom.***

Emenda 37

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jitneħħa mill-kariga biss b'deċiżjoni tal-Bord ***Maniġerjali*** li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni.

Emenda

7. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jitneħħa mill-kariga biss b'deċiżjoni tal-Bord ***Maniġerjali*** li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni ***u wara li jkun sema' l-opinjoni tal-Parlament Ewropew***

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Sa fejn ikun meħtieġ biex il-BEREC jilħaq l-għanijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u ***jwettaq il-kompiti tiegħu***, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, dan jista' jikkopera mal-korpi, mal-aġenziji, mal-uffiċċji u mal-gruppi konsultattivi kompetenti tal-Unjoni, mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi u/jew mal-organizzazzjonijiet internazzjonali.

Emenda

Sa fejn ikun meħtieġ biex il-BEREC jilħaq l-għanijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, ***iwettaq il-kompiti tiegħu u jikkontribwixxi għall-għanijiet usa' ta' politika tal-Unjoni***, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, dan jista' jikkopera mal-korpi, mal-aġenziji, mal-uffiċċji u mal-gruppi konsultattivi kompetenti tal-Unjoni, mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi u/jew mal-organizzazzjonijiet internazzjonali.

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi spjegata l-loġika favur il-kooperazzjoni ma' gruppi konsultattivi, uffiċċji, aġenziji u korpi tal-Unjoni.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi
Referenzi	COM(2016)0591 – C8-0382/2016 – 2016/0286(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 24.10.2016
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 24.10.2016
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Silvia Costa 11.10.2016
Eżami fil-kumitat	22.3.2017
Data tal-adozzjoni	4.5.2017
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 15 -: 13 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, Andrea Bocskor, Silvia Costa, Angel Dzhambazki, María Teresa Giménez Barbat, Giorgos Grammatikakis, Petra Kammerevert, Svetoslav Hristov Malinov, Curzio Maltese, Luigi Morgano, John Procter, Michaela Šojdrová, Yana Toom, Helga Trüpel, Sabine Verheyen, Julie Ward, Bogdan Brunon Wentta, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Norbert Erdős, Eider Gardiazabal Rubial, Sylvie Guillaume, Emma McClarkin, Marlene Mizzi, Liadh Ní Riada, Algirdas Saudargas, Remo Sernagiotto
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Florent Marcellesi

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBILI

15	+
ALDE Group	María Teresa Giménez Barbat, Yana Toom
EFDD Group	Isabella Adinolfi
GUE/NGL Group	Curzio Maltese, Liadh Ní Riada
S&D Group	Silvia Costa, Eider Gardiazabal Rubial, Giorgos Grammatikakis, Sylvie Guillaume, Petra Kammerevert, Marlene Mizzi, Luigi Morgano, Julie Ward
Verts/ALE Group	Florent Marcellesi, Helga Trüpel
13	-

ECR Group	Angel Dzhambazki, Emma McClarkin, John Procter, Remo Sernagiotto
PPE Group	Andrea Bocskor, Norbert Erdős, Svetoslav Hristov Malinov, Algirdas Saudargas, Sabine Verheyen, Bogdan Brunon Wenta, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver, Michaela Šojdrová

0	0

It-tifsira tas-simboli:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni